Il-Ħamis, 11 ta' Frar 2021

P9_TA(2021)0049

Miżuri temporanji dwar il-validità taċ-ċertifikati u tal-liċenzji (Omnibus II) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2021 dwar il-proposta għar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 dwar it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport, għal perjodi ta' referenza sussegwenti għal dawk imsemmija fir-Regolament (UE) 2020/698 (COM(2021)0025 – C9-0004/2021 – 2021/0012(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 465/29)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0025),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 91 u 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0004/2021),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Jannar 2021 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-3 ta' Frar 2021 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2021)0012

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Frar 2021 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tal-persistenza tal-kriżi tal-COVID-19 rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet, il-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport u l-estensjoni ta' ċerti perjodi msemmija fir-Regolament (UE) 2020/698

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2021/267.)

([1]) ĠU C 123, 9.4.2021, p. 37.